Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 2 ta' Ġunju 2023**
**(OR. en)**

**9954/23**

**ECOFIN 541**
**UEM 165**
**SOC 409**
**EMPL 286**
**COMPET 550**
**ENV 598**
**EDUC 238**
**RECH 255**
**ENER 311**
**JAI 751**
**GENDER 118**
**ANTIDISCRIM 116**
**JEUN 156**
**SAN 332**

**RAPPORT**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Kontribut dwar l-aspetti tal-impjiegi u l-politiki soċjali tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi: Rakkomandazzjonijiet dwar il-programmi nazzjonali ta' riforma 2023 għal kull Stat Membru<br>- Approvazzjoni |

Fil-kuntest tal-proċess tas-Semestru Ewropew 2023, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposti għal Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż (kif elenkati fid-dokument 9900/23) lill-Kunsill fl-24 ta' Mejju 2023.

Is-27 dokument (wieħed għal kull Stat Membru) ġew eżaminati mill-kumitati rilevanti (EMCO, SPC, EPC, EFC/EFCA). Ċerti kwistjonijiet ta' sustanza orizzontali ġew eżaminati wkoll f'laqgħat konġunti bil-għan li tiġi żgurata l-konsistenza tar-rakkomandazzjonijiet fost l-Istati Membri.

It-testi tal-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet għal kull Stat Membru, kif jirriżultaw mid-diskussjonijiet tal-Kumitati, jinsabu fid-dokument 9901/23.

Fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-ħidma fil-livell tal-Kunsill, ingħatat kunsiderazzjoni sħiħa lill-kwistjonijiet trasversali li għandhom jiġu diskussi fiż-żewġ formazzjonijiet tal-Kunsill, (EPSCO u ECOFIN).

Il-Coreper huwa mistieden jeżamina l-abbozzi ta' Rakkomandazzjonijiet li jinsabu fid-dokumenti dwar il-pajjiżi elenkati fid-dokument 9901/23, bil-ħsieb li l-Kunsill (EPSCO) ikun jista' japprova l-kontribut dwar aspetti relatati mal-impjiegi u l-politika soċjali tal-abbozzi ta' Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill għal kull Stat Membru.

Imbagħad, ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi ser jiġu ppreżentati lill-Kunsill Ewropew tad-29 u t-30 ta' Ġunju 2023 għall-approvazzjoni.

Fl-aħħar nett, il-Kunsill ECOFIN ser japprova l-Konklużjonijiet dwar l-analiżi fil-fond tal-2023 fil-qafas tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku fl-14 ta' Lulju 2023 u ser jadotta r-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi integrati għall-pajjiżi.